# Il-Qarnita

**Diskors ta' Robert Aquilina**

**1 ta' Marzu 2021**

Qabel xejn irrid nirringrazzja lilkom ilkoll għall-preżenza tagħkom illum.

Nirringrazzjakom ukoll li qed issegwu l-istruzzjonijiet li tajniekom biex nieħdu ħsieb saħħet xulxin.

Onestament, ma xtaqniex insejħulkom hawn illum. Domna ħafna ntellgħu u nniżlu x'għandna nagħmlu.

Finalment, iddeċidejna li nagħmlu din il-protesta mhux għax nemmnu li 'il-mewġ qiegħed fil-baħar'.

Qegħdin nagħmlu din il-protesta għax lill-qarnita li telgħet fuq din l-art u ħakmitha rridu naqtgħulha subgħajha kollha.

Il-qarnita hi annimal li diffiċli tarah. Jibdel kuluru biex ma tindunax bih u jekk jinduna li rajtu jitfa l-linka biex jinħeba. Ghandu hafna swaba', li permezz tagħhom jaħtaf ħafna.

Il-qarnita li ħakmet lil-pajjiżna trid tinħeba. Trid tikkonvinċina li ma teżistix. Daħlet fil-fond tal-istituzzjonijiet. Għandha swaba' kullimkien:

- swaba' fil-Gvern;
- swaba' fil-Korp tal-Pulizija;
- swaba' fl-ekonomija;
- swaba' fil-Planning Authority;
- swaba' fil-professjonijiet;
- swaba' fil-media;
- swaba' fil-partiti.

Min qalilna li l-mewġ qiegħed fil-baħar, il-ġimgħa l-oħra qalilna wkoll li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu. Kemm ilna nisimgħu din li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu?

Smajniha meta Daphne bdiet tikteb fuq il-Panama Papers u lil Konrad Mizzi għamluh Deputy Leader tal-Labour Party.

Erġajna smajnieha meta rajna lis-sid tal-Bank Pilatus jaħrab bil-bagalja waqt li l-Kummissarju tal-Pulizija kien qed imexmex il-fenek.

Smajnieha meta Melvyn Theuma – is-sensar fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia – kien qed jieħu l-kafè ma' Keith Schembri f'Kastilja, ħa ritratt miegħu u Kieth tah job fantażma.

Qalulna li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu waqt li z-ziju Silvio jew Silvio l-oħxon – li suppost kien qed jinvestiga l-assassinju ta' Daphne – kien qed isiefer jara l-futbol ma' dak li qed jiġi akkużat li huwa l-mastermind tal-assassinju.

Smajnieha wkoll meta arrestaw lil dawk li qed ikunu akkużati – issa wieħed minnhom ammetta – li poġġew il-bomba. Imma nsew jgħidulna dakinhar li kienu nfurmawhom minn qabel li se jarrestawhom.

Kif nesa jgħidilna Joseph Muscat, ix-Xiħ, li wara dak l-arrest beda chat fuq WhatsApp ma' Keith Schembri u ma' Yorgen Fenech. U kitiblu hekk il-Prim Ministru Muscat lil Yorgen Fenech: 'Hemm bżonn nitkellmu, jien int u K'.

U ftit ġimgħat wara, meta kellu l-birthday, stiednu għall-party l-Girgenti, u ħa mingħandu rigali jiswew eluf kbar ta' ewro ... minkejja li kien jaf li qed ikun suspettat bl-assassinju ta' Daphne.

Jekk nibda nirrakkonta xi smajna fil-Qorti u fl-inkjesta pubblika fl-aħħar 15 -il xahar nibqgħu hawn s'għada filgħodu. Indum inqas jekk ngħidilkom x'ma smajniex.

Għadna ma smajniex li tressaq xi ħadd biex issir ġustizzja għal dak li wassal għall-assassinju ta' Daphne – il-korruzzjoni.

Il-korruzzjoni li ma setgħetx issir mingħajr politiċi korrotti fl-ogħla karigi tal-pajjiż.

Il-korruzzjoni li ma setgħetx issir kieku ma kienx hawn istituzzjonijiet dgħajfa li minflok waqfulha, għalqu għajnejhom, marru jieklu l-fniek, marru jaraw iċ-Champions League u ħallew lil Daphne waħidha, sakemm qatluha b'karozza bomba.

**Kemm għandha swaba din il-qarnita?**

Kultant żmien insiru nafu b'xi sebgħa ġdid. L-aħħar sebgħa li sirna nafu bih hi Rosianne Cutajar. Qaltilna li irriżejat b'rispett tal-Labour, mhux b'rispett tagħna. Qaltilna li temporanja r-riżenja. Ħadet break. U qaltilna wkoll illi wara li arrestaw lil Yorgen Fenech qatat kull kuntatt miegħu. Ara wara li arrestaw lil Yorgen Fenech, kif setgħat iżżomm il-kuntatt miegħu!

Imma kien hemm xi ħadd li meta kienu ser jarrestawh ċempillu lil Yorgen Fenech. Ċempillu Keith Schembri għax qabbdu Joseph Muscat.

X'ma jkollnix bilfors nerġgħu niġu hawn insemmgħu leħinna. Meta nismigħu dawn l-istejjer kif nistgħu ma nibqgħux ninsistu għall-ġustizzja għal Daphne, għal ġustizzja għal pajjiżna.

L-aħħar li qalilna li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu, il-Prim Ministru kien għadu kif ta maħfra oħra lil kriminal ieħor biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jaslu għal aktar arresti.

Ħa nkunu ċari. Aħna rridu li l-istituzzjonijiet jingħataw kull mezz li jeħtieġu biex jaslu għall-verità kollha u għall-ġustizzja sħiħa.

U meta ngħidu ġustizzja sħiħa m'aħniex qed nitkellmu biss dwar il-bomba li qatlet lil Daphne.

Qed nitkellmu wkoll dwar dak li wassal biex tqiegħdet dik il-bomba.

Qed nitkellmu wkoll dwar x'ġara wara li splodiet dik il-bomba.

Qed nitkellmu dwar min ħa l-ġurament hawn ġew (fil-Parlament) u minflok qeda lill-poplu qeda lill-korrotti ... qeda lill-kriminali. Qed ngħidu għall-politiċi li minflok qdew dmirhom lejn ir-Repubblika, saru ħaġa waħda mal-qarnita mafjuża ... saru s-swaba ta' dil-qarnita.

Ma' dawn, Robert Abela ... ma' dawn, nistaqsik ... qegħdin jaħdmu l-istituzzjonijiet?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet ma' Keith Schembri?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet ma' Konrad Mizzi?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet ma' Chris Cardona?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet ma' Brian Tonna? ma' Karl Cini?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet ma' Lawrence Cutajar? ma' Silvio Valletta?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet mal-oħrajn kollha li ssemmew fil-Qorti u fl-inkjesta pubblika?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet mar-rebbieħ tal-premju tal-iktar politiku korrott fid-dinja?

Il-mewġ qiegħed fil-baħar qalilna Robert Abela ...

U l-Maltin li jħobbu lil pajjiżhom ... ngħidulu aħna ... il-Maltin li jridu l-verità ... il-Maltin li jridu ġustizzja ... qegħdin f'din il-pjazza u se jibqgħu jipprotestaw, se nibqgħu niġġieldu, sakemm il-qarnita mafjuża tinqered għal kollox.